MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 113/1996/1

**Petroil Engineering Services Ltd**

**vs**

**Oil and Construction International Ltd u b'nota tat-2 ta' April 2002**
**l-isem tas-socjeta' konvenuta gie mibdul ghal Engineering & Construction Management Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax il-elf hames mija u hdax il-lira Maltin u ghoxrin centezmi (Lm15,511.20), import tal-fattura numru 0121/95 tal-21 ta' Novembru 1995 (hawn annessa u mmarkata Dokument "A"), prezz ta' diversi xogholijiet addizzjonali esegwiti mis-socjeta' attrici fid-Dellimara Power Station, Dellimara, a favur u fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, taht is-sub-appalt moghti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta fis-16 ta' Settembru 1994 in konnessjoni mal-progett maghruf bhala "*Diesel Oil Unloading and Forwarding System Storage Tanks and* Miscellaneous *Fire Fighting Equipment for Phase IIA Extension at Dellimara Power Station"* skond il-kuntratt tal-korporazzjoni Enemalta Numru DPS 200-03.

U peress illi nonostante illi giet interpellata diversi drabi mis-socjeta' attrici sabiex taddivjeni ghall-pagament tas-somma dovuta skond kif fuq premess, is-socjeta' konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandhiex tigi kkundannata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex thallas is-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax il-elf, hames mija u hdax il-lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm15,511.20), import tal-fattura numru 0121/95 tal-21 ta' Novembru 1995 ghal diversi xoghlijiet addizzjonali esegwiti mis-socjeta' attrici fid-Dellimara Power Station, Dellimara, a favur u fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, taht is-sub-appalt moghti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta fis-16 ta' Settembru 1994 in konnessjoni mal-progett maghruf bhala "*Diesel Oil Unloading and Forwarding System Storage Tanks and* Miscellaneous *Fire Fighting Equipment for Phase IIA Extension at Dellimara Power Station"* skond il-kuntratt tal-korporazzjoni Enemalta Numru DPS 200-03; bl-imghaxijiet kummercjali mill-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-14 ta' Dicembru 1995, kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju

Numru 95/96 ipprezentat fid-9 ta’ Jannar 1996 kontra s-socjeta’ konvenuta ta’ liema socjeta’ r-rapprezentanti legali taghha huma minn issa stess ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, is-somma mitluba ta’ hmistax –il elf, hames mija u hdax –il lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm15,511.20) mhix dovuta stante li s-socjeta’ attrici ma ezegwit l-ebda mix-xoghlijiet addizzjonali taht is-sub-appalt; inoltre minhabba li x-xoghlijiet *de quo* ma kienux addizzjonali, ma kien hemm ebda diskussjoni jew ftehim dwar hlas addizzjonali ghal dawn ix-xoghlijiet; u ghalhekk it-talba attrici f’dan ir-rigward hi nfondata;

2. Illi, fit-tieni lok, is-socjeta’ attrici hi responsabbli lejn is-socjeta’ konvenuta f’danni in konnessjoni mal-appalt *de quo* liema danni huma mertu ta’ kawza separata ntavolata f’ismijiet inversi u ghalhekk hemm lok li jigi deciz min hu debitur ta’ min.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 16, 21, u l-verbal a fol. 22 fil-kawza 1610/95 bejn l-istess partijiet deciza illum, fejn gie deciz li dina l-kawza kellha tinstemgha u tigi trattata flimkien mal-kawzi l-ohra bin-numri 1610/95, 1853/95 u 1878/95 bejn l-istess partijiet u fuq l-istess mertu;

Rat id-digriet li bih gie nominat l-espert Paul Cardona;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit tekniku Paul Cardona;

Rat id-digriet li bih gew nominati periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni taghhom;

Rat id-domandi li saru lill perit addizzjonali in eskussjoni u r-risposti taghhom;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Il-Qorti taghmel referenza ghall provi kollha li nstemghu fil-kawzi imsemmija, ghar-relazzjonijiet tal-periti teknici, u ghal konsiderazzjonijiet li dina l-Qorti ghamlet fil-kawzi msemmija, li kollha ghandhom japplikaw ghal dina l-kawza wkoll.

F’din il-kawza it-talba hi ghal Lm15,511.20 import ta’ fattura numru 0121/95 tal-21 ta’ Novembru, 1995 ghal diversi xogholijiet addizzjonali (ghal *shop primer*) esegwiti mis-socjeta’ attrici fid-Delimara Power Station. Il-perit tekniku wasal ghall konkluzzjoni li t-talba ta’ Petroil kienet gustifikata sa l-ammont **Lm13,521.84 (**ara fol 309/310).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici ghas-somma ta’ tlettax il-elf, hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmi (Lm13,521.84).
U tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas din is-somma,
Bl-ispejjez kwantu ghal 13/15 ghal konvenuti u 2/15 ghall atturi;
(Kwantu ghall l-ispejjez tal-perizji s-socjeta’ attrici ghandha tehel 13/15 ta’ 1/4 stante li fil-kawza l-ohra t-talbiet taghha intlaqghu kwazi kollha).
U bl-imghax legali mid-data tal-fatturi rilevanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------